



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Settembru 2024  
(OR. en)

13036/24

STATIS 94  
ECOFIN 955  
UEM 279

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
|-------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                                                                                                                                          |
| data meta waslet: | 2 ta' Settembru 2024                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                                                         |
| Nru dok. Cion:    | C(2024) 6024 final                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
| Suġġett:          | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...<br>ta' 2.9.2024<br>li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-referenzi għall-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2024) 6024 final.

Mehmuż: C(2024) 6024 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 2.9.2024  
C(2024) 6024 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 2.9.2024**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-  
rigward tar-referenzi għall-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi tan-  
NACE stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-  
Kunsill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Ir-Reviżjoni 2 tal-klassifikazzjoni statistika komuni tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea (NACE Rev. 2) ġiet stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006, li beda japplika fl-1 ta' Jannar 2008.

Mind u b'diet tapplika n-NACE Rev. 2, il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni biddlu progressivament il-mod li bih jitwettqu ħafna mill-attivitajiet ekonomiċi madwar id-dinja. Dawn il-bidliet affettwaw, kemm internazzjonalment kif ukoll fl-UE nnifisha, l-istatistika li hija bbażata fuq il-klassifikazzjonijiet tal-attivitajiet ekonomiċi.

In-NACE Rev. 2 kellha bżonn tiġi aġġornata minħabba dawn il-bidliet, biex tibqa' komparabbli u konsistenti mal-istandards għall-klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi użati internazzjonalment. Għaldaqstant, u anke biex tiġi adattata għall-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2023/137 tal-10 ta' Ottubru 2022 li jistabbilixxi n-NACE aġġornat (NACE Rev. 2.1).

Ħafna atti legali li jikkonċernaw diversi dominji statistiċi fihom rekwiżiti għat-trażmissjoni tad-*data* li jirreferu għal taqsimiet, diviżjonijiet, gruppi jew klassijiet speċifiċi tan-NACE Rev. 2. Dawn l-atti jridu jiġu emendati, sabiex jiġu espressi f'termini ta' rekwiżiti li huma kompatibbli man-NACE Rev. 2.1.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet rilevanti waqt it-thejjja ta' dan l-Att Delegat. Il-grupp informali ta' esperti tal-Kummissjoni magħruf bħala l-“Grupp ta' Ħidma dwar l-Istandards” ġie kkonsultat fis-7 u fit-8 ta' Diċembru 2023.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonsultat lill-grupp informali ta' esperti tal-“Istituti Nazzjonali tal-Istatistika tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika”.

Il-Kummissjoni żammet ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati dwar it-thejjja tal-att delegat.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

L-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 stabbilixxa l-oġġettiv ta' dan l-att delegat, li huwa li jiġi aġġornat l-Anness I biex jitqiesu l-bidliet tekniċi.

L-att delegat jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 184/2005.

L-att delegat jikkonċerna kwistjoni relatata maż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u għalhekk l-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li tiġi estiża għaż-ŻEE.

L-att delegat ma għandux implikazzjonijiet fuq il-baġit tal-UE.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 2.9.2024

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-referenzi għall-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> stabbilixxa klassifikazzjoni statistika komuni tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ("NACE Rev. 2"), li bdiet tapplika fl-1 ta' Jannar 2008.
- (2) Wara li bdiet tapplika n-NACE Rev. 2, il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni biddlu progressivament il-mod li bih ħafna attivitajiet ekonomiċi jipprovdu l-oġġetti u s-servizzi madwar id-dinja.
- (3) Bħala riżultat ta' dawk il-bidliet, in-NACE Rev. 2 kellha tiġi aġġornata, biex tibqa' komparabbli u konsistenti mal-istandards għall-klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi użati fil-livell internazzjonali. Għaldaqstant, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137<sup>3</sup> emenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 u stabbilixxa l-klassifikazzjoni aġġornata ("NACE Rev. 2.1").
- (4) Biex l-utenti jkunu jistgħu jivvalutaw il-bidliet dettaljati tal-kontenut fin-NACE u biex iqabblu l-verżjoni preċedenti tal-klassifikazzjoni mal-verżjoni aġġornata tagħha, fl-1 ta' Awwissu 2023 ġiet ipprovduta tabella ta' korrispondenza<sup>4</sup> flimkien ma' xi noti ta' spjegazzjoni<sup>5</sup> għall-utenti tal-klassifikazzjoni.

<sup>1</sup> ĠU L 35, 8.2.2005, p. 23, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2005/184/oj>.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj>).

<sup>3</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 tal-10 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 5, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2023/137/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/137/oj)).

<sup>4</sup> <https://europa.eu/!f6H9nX>

<sup>5</sup> <https://europa.eu/!FNRFBB>

- (5) Il-korp kbir ta' leġislazzjoni li jistabbilixxi r-rekwiżiti għat-trażmissjoni tad-*data* li jirreferu għal taqsimiet, diviżjonijiet, gruppi jew klassijiet speċifiċi tan-NACE jinkludi r-Regolament (KE) Nru 184/2005. Sabiex jiġi żgurat li dawk ir-rekwiżiti tat-trażmissjoni jiġu espressi f'termini kompatibbli mal-klassifikazzjoni aġġornata (NACE Rev. 2.1), ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 jenħtieġ li jiġi emendat.
- (6) Peress li l-granularità tal-klassifikazzjoni aġġornata hija simili għal dik tal-verżjoni oriġinali tal-klassifikazzjoni, l-emendi tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 stabbiliti f'dan ir-Regolament ma jimponu l-ebda piż sinifikanti addizzjonali fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.
- (7) Il-konformità mal-klassifikazzjoni aġġornata jenħtieġ li ma tkunx meħtieġa minnufih, peress li huwa meħtieġ ċertu perjodu ta' żmien biex il-fornituri tad-*data* jkunu jistgħu jadattaw għar-rekwiżiti regolatorji l-ġodda. Ta' min ifakkar li r-Regolament Delegat (UE) 2023/137, li emenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006, jistabbilixxi data differita tal-applikazzjoni. Għalhekk jenħtieġ li d-*data* tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun differita wkoll.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 184/2005 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025, fir-rigward tat-trażmissjonijiet tad-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat), relatati ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-*data* jew wara.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 2.9.2024

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*